MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1693/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Carmel Camilleri u l-istess Carmel Camilleri**

**vs**

**Mario Carabott**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta Settembru 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' disa mija u wiehed liri u sebghin centezmu (LM901.70) rapprezentanti danni kagonati fil-vettura tal-attur Carmel Camilleri kwantu ghal Lm837.20, Lm11.50 kwantu prezz ta surveys, kwantu ghal Lm3 prezz tar-rapport tal-Pulizija u kwantu ghal Lm50 telf ta l-uzu tal-vettura AAV 268 u dana b'rizultat ta l-incident

stradali li sehh fit-12 ta Frar 2002 f'B'kara waqt li l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura IBE 912 proprjeta ta l-istess Mario Carabott ghal liema ncident kien unikament responsabbli il-konvenut Mario Carabott kawza ta mprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-25 ta Settembru 2003 fejn bazikament huwa kkontesta t-talba tal-atturi fis-sens li huwa ma kellu ebda responsabbilita ghall-incident in kwistjoni;

Ra l-provi mressqa partikolarment il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa u mart l-istess konvenut oltre r-rapport maghmul mill-attur lill-pulizija tad-distrett a tempo vergine.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami z-zewg vetturi in kwistjoi fil-fatt ma kien hemm ebda impatt bejniethom. L-attur jikkontendi li huwa gie kostrett jersaq f'daqqa lejn il-genb tat-triq bil-konsegwenza li tela fuq bankina u kkaguna hsara fil-vettura tieghu minnhabba l-manuvra li ghamel il-konvenut fejn gibed il-gewwa f'salt fuq il-karreggjata tal-attur bil-konsegwenza li holoqlu ostakolu istantanju. Minn naha l-ohra ghalkemm il-konvenut jammetti li huwa kien hareg minn fuq stop sign wara li ra li ma kienux gejjin vetturi u li ghall-ewwel qaghad fuq il-lane ta` barra, jghid pero` li meta gibed fuq il-lane ta` gewwa u kwindi fuq il-karreggjata minn fejn kien gej l-attur huwa ghamel hekk b'mod gradwali u mhux f'salt;

Illi ta` min ighid illi bhala obbligi tas-sewwieqa rispettivi, filwaqt li l-attur li kien miexi fit-triq principali se mai kellu l-obbligu li jzomm distanza adekwata bejnhu u l-vettura ta` quddiemu, jekk kien hemm, minn naha l-ohra l-obbligu tal-konvenut li kien qed jaqsam minn triq ghall-ohra u di piu in

segwitu minn lane ghall-ohra, kellu jzomm a proper look out u jassigura ruhu li t-triq kienet libera u sabiex ma jkunx u ma johloqx ebda ostakolu ghal flow of traffic li tkun gejja fit-triq principali.

Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, il-konvenut naqas minn dan l-obbligu tieghu partikolarment fil-mument meta huwa gie biex jaqsam mill-karreggjata ta` barra ghal dik ta` gewwa minn fejn kien gej l-attur. Difatti kemm hu u kif ukoll martu t-tnejn f'ebda mument ma jsemmu li l-konvenut hares lura biex jara jistax jaqsam liberament il-karreggjata o meno. Difatti l-konvenut ighid li l-ewwel darba li hares kien mill-mera meta gibdulu l-attenzjoni wliedu. It-triq fejn sehh l-incident in kwistjoni hija pjuttost dritta u li kieku l-konvenut indenja ruhu li jhares lura qabel ma jaqsam il-karreggjata minn ta barra ghal ta` gewwa kien jinnota bil-vettura tal-attur u se mai kien ihallih ighaddi qabel ma jaqsam hu. Illi ghalhekk bil-manuvra li ghamel il-konvenut huwa holoq ostakolu istantanju lill-attur bil-konsegwenza li l-attur gie kostrett jirkeb bankina halli jevita l-vettura tal-konvenut li sabha f'daqqa wahda quddiemu.

Illi ghandu jirrizulta li tresqu provi soddisfacenti ghal dak li jirrigwarda l-valur tad-danni oltre li ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni partikolari minn dan il-lat;

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut jiddikjara li kien l-istess konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u kwindi tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma rikjesta ta disa mija u wiehed liri u sebghin centezmu (Lm901.70) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------